

Uffiċjal Xjentifiku fil-Bijoinformatika

Unità: Funzjonijiet tas-Saħħa Pubblika

Referenza: ECDC/FGIV/2023/PHF-SOBIO

Qed jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-kariga ta' Aġent Kuntrattwali msemmija hawn fuq fiċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC).

Deskrizzjoni tal-impjieg

L-ECDC jippjana li jirrekluta persuna waħda għall-pożizzjoni vakanti msemmija hawn fuq. L-ECDC għandu wkoll l-għan li jistabbilixxi lista ta' riżerva, li tista' tintuża għal kwalunkwe pożizzjoni vakanti futura fil-qasam.

Il-persuna impjegata se tirrapporta lill-Kap tal-Grupp tal-Mikrobijoloġija u s-Sorveljanza Molekulari filwaqt li se taħdem mill-qrib mat-timijiet l-oħra mit-Taqsima tas-Sorveljanza, il-Programmi tal-Mard u s-Servizzi ta' Trasformazzjoni Diġitali. Se tagħmel parti mit-Taqsima tas-Sorveljanza fl-Unità tal-Funzjonijiet tas-Saħħa Pubblika.

Il-persuna impjegata se tkun responsabbli b'mod partikolari mill-oqsma ta' xogħol li ġejjin:

- Il-ġestjoni u t-titjib tal-bażijiet tad-*data* tal-ECDC għad-*data* dwar is-Sekwenzjar Komplet tal-Ġenoma (WGS) u dwar it-tipizzazzjoni molekulari;
- L-użu ta' għodod tal-bijoinformatika għall-analiżi u l-viżwalizzazzjoni tad-*data* dwar id-WGS għall-patoġeni kollha elenkati bħala prijorità għall-ECDC f'termini ta' tipizzazzjoni ġenomika;
- Iż-żamma u l-estensjoni ta' skripts relatati mal-ġbir u l-validazzjoni ta' *data* dwar is-sorveljanza molekulari, u l-għodod relatati ta' viżwalizzazzjoni/ta' esplorazzjoni tad-*data*;
- Il-ġenerazzjoni u t-tixrid ta' outputs predefiniti mid-*data* dwar id-WGS u minn *data* oħra dwar it-tipizzazzjoni molekulari;
- Il-kontribut għall-analiżi u l-interpretazzjoni ta' *data* dwar it-tipizzazzjoni molekulari fil-kuntest tad-detezzjoni, il-valutazzjoni, il-monitoraġġ u l-komunikazzjoni ta' theddid għas-saħħa pubblika għall-UE;
- Il-preżentazzjoni ta' informazzjoni minn analiżi tad-*data* dwar id-WGS lill-esperti interni tal-ECDC u lill-partijiet ikkonċernati tal-Istati Membri tal-UE/taż-ŻEE;
- Il-kontribut għal attivitajiet oħra tal-ECDC kif meħtieġ, fil-qasam tal-kompetenza tagħha.

- Tista' tintalab tikkontribwixxi għas-sistema tax-xogħol 24/7 tal-ECDC.

Kwalifiki u esperjenzi meħtieġa

A. Rekwiżiti formali

Sabiex tkun kandidat(a) eliġibbli jeħtieġ li tissodisfa sett ta' rekwiżiti formali. Dawn ir-rekwiżiti huma:

- Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma ta' mill-inqas tliet snin, attestati b'diploma ¹;
- Għarfien approfondit ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa oħra uffiċjali tal-UE sal-limitu meħtieġ għall-qadi ta' dmirijietek²;
- Ċittadinanza ta' wieħed mill-Istati Membri tal-UE jew tan-Norveġja, tal-Iżlanda jew tal-Liechtenstein;
- Li tkun intitolat(a) għad-drittijiet sħaħ tiegħek bħala ċittadin(a)³;
- Li tkun issodisfajt l-obbligi kollha imposti mil-liġijiet applikabbli dwar is-servizz militari;
- Tissodisfa r-rekwiżiti tal-karattru għad-dmirijiet involuti; u
- Tkun fiżikament f'saħħtek biex twettaq id-dmirijiet relatati mal-kariga.

B. Kriterji tas-selezzjoni

Biex tikkwalifika għal din il-kariga identifikajna **kriterji essenzjali** fir-rigward tal-esperjenza/għarfien professjonali u l-karatteristiċi personali/ħiliet interpersonali.

Esperjenza/għarfien professjonali:

- Grad universitarju fil-qasam tal-bijoinformatika, il-mikrobijoloġija, l-epidemjoloġija, il-bijoxjenzi jew qasam ieħor relatat;
- Mill-inqas tliet snin ta' esperjenza professjonali, wara l-għoti tad-diploma, miksuba f'karigi rilevanti għad-deskrizzjoni tal-impjieg;
- Esperjenza fl-użu ta' analiżijiet tad-WGS għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard fil-livell internazzjonali, nazzjonali u/jew lokali, preferibbilment ukoll fil-kuntest ta' detezzjoni u investigazzjoni ta' tifqigħat;
- Għarfien u esperjenza ta' teknoloġiji rilevanti għal skopijiet ta' bijoinformatika (eż. Python, SQL, CLC bio, u għodod ta' bijoinformatika b'sors miftuħ);
- Livell eċċellenti tal-Ingliż, kemm miktub kif ukoll mitkellem.

Karatteristiċi personali/ħiliet interpersonali:

- Ħiliet eċċellenti ta' komunikazzjoni mitkellma u miktuba;
- Il-kapaċità li taħdem b'mod kollaborattiv u tibni relazzjonijiet tax-xogħol multidixxiplinari b'saħħithom;

1 Se jġu kkunsidrati biss id-diplomi u ċ-ċertifikati li jkunu ngħataw fl-Istati Membri tal-UE jew li jkunu s-suġġett ta' ċertifikati ta' ekwivalenza maħruġa mill-awtoritajiet fl-Istati Membri msemmija.

2 Il-kandidati b'lingwa tal-UE mhux uffiċjali jew bl-Ingliż bħala l-lingwa materna tagħhom iridu jipprovdu evidenza tal-livell tagħhom tat-tieni lingwa b'ċertifikat (B1 jew ogħla).

3 Qabel il-ħatra, il-persuna li tkun irnexxiet se tintalab tipprovdi ċertifikat mill-fajl tal-pulizija biex turi li ma għandhiex kondotta kriminali.

- Tkun persuna orjentata lejn ir-riżultati bil-kapaċità li taħdem taħt pressjoni u tagħti prijorità lil kompiti;
- Tagħmel ħiltek biex tikseb l-aqwa kwalità u tkun persuna orjentata lejn is-servizz.

Skont l-għadd ta' applikazzjonijiet riċevuti, il-kumitat ta' selezzjoni jista' japplika rekwiżiti aktar stretti fi ħdan il-kriterji tas-selezzjoni msemmija hawn fuq.

Opportunitajiet Indaq

L-ECDC huwa impjegatur ta' opportunitajiet indaq u jħeġġeġ applikazzjonijiet mill-kandidati kollha li jissodisfaw il-kriterji tal-eliġibiltà u tas-selezzjoni mingħajr l-ebda distinzjoni abbażi tal-età, razza, konvinzjoni politika, filosofika jew reliġjuża, il-ġeneru jew l-orjentazzjoni sesswali u irrispettivament mid-diżabilitajiet.

Ħatra u kundizzjonijiet tal-impjieg

Il-persuna impjegata se tinħatar abbażi ta' lista preliminari proposta mill-Kumitat ta' Selezzjoni lid-Direttur. Dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti huwa l-bażi għall-istabbiliment tal-proposta tal-Kumitat ta' Selezzjoni. Il-kandidati se jintalbu jagħmlu testijiet bil-miktub. Il-kandidati għandhom ikunu jafu li l-proposta tista' ssir pubblika u li l-inklużjoni fil-lista preliminari ma tiggarrantixxix ir-reklutaġġ tagħhom. Il-lista preliminari ta' kandidati se tiġi stabbilita wara proċess ta' selezzjoni miftuħa.

Il-persuna li tkun irnexxiet se tiġi rreklutata bħala aġent kuntrattwali, skont l-Artikolu 3a) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea, għal perjodu ta' ħames snin. Il-kuntratt jista' jiġġedded. Il-ħatra se tkun fil-**Grupp ta' Funzjoni IV**.

L-applikanti għandhom jinnutaw ir-rekwiżit skont ir-regolamenti tal-persunal tal-UE għall-persunal il-ġdid kollu li għandu jtemm b'suċċess perjodu ta' prova ta' disa' xhur.

Għal aktar informazzjoni dwar kundizzjonijiet kuntrattwali u tax-xogħol, jekk jogħġbok irreferi għall-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea, li huma disponibbli fil-link li ġejja:

<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX%3A01962R0031-20140501>

Il-post tal-impjieg se jkun fi Stokkolma, fejn iċ-Ċentru jwettaq l-attivitajiet tiegħu.

Lista ta' riżerva

Tista' tinħoloq lista ta' riżerva u din tintuża għar-reklutaġġ, f'każ li jkun hemm pożizzjonijiet vakanti simili. Din se tkun valida sal-31 ta' Diċembru tal-istess sena tad-data ta' skadenza tal-applikazzjonijiet u tista' tiġi estiża.

Proċedura tal-applikazzjoni

Biex tapplika għal din il-pożizzjoni vakanti, jekk jogħġbok oħloq kont/illoggja fil-kont tiegħek permezz tas-sistema ta' reklutaġġ elettroniku, imla t-taqsimiet kollha meħtieġa tal-applikazzjoni u ssottomettiha. **L-ECDC ma jaċċettax applikazzjonijiet sottomessi bl-email, bil-posta jew bi kwalunkwe mezz ieħor.**

Id-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet hija fid-data indikata fl-avviż ta' pożizzjoni vakanti bl-Ingliż. Nagħtuk parir li tissottometti l-applikazzjoni tiegħek ferm qabel id-data ta' skadenza f'każ li tiltaqa' ma' kwistjonijiet tekniċi u/jew is-sit web ikun mgħobbi żżejjed. L-ECDC mhu se jaċċetta l-ebda applikazzjoni wara d-data ta' skadenza. Ladarba tkun

issottomettejt l-applikazzjoni tiegħek, tirċievi messaġġ bl-email awtomatiku li jikkonferma l-wasla tal-applikazzjoni tiegħek. Jekk jogħġbok kun ċert(a) li l-indirizz tal-email li tipprovdi għall-kont tal-applikant tiegħek ikun korrett u li tiċċekkja l-email tiegħek regolarment.

Tista' ssib gwida għall-utent dwar ir-reklutaġġ elettroniku u gwida dwar il-proċess tar-reklutaġġ u tas-selezzjoni tal-ECDC fuq is-sit web tagħna:

<https://ecdc.europa.eu/en/about-us/work-us/recruitment-process>

Minħabba l-volum kbir ta' applikazzjonijiet li jaslu, se jiġu nnotifikati biss il-kandidati li jintgħażlu għall-intervisti.

Tista' ssib it-traduzzjoni⁴ ta' dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti fil-lingwi kollha tal-UE hawnhekk:

<https://www.ecdc.europa.eu/en/about-ecdc/work-ecdc/recruitment/vacancies/vacancy-translations>

⁴ Filwaqt li dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti ġie tradott fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE mill-oriġinali tiegħu bl-Ingliż, il-lingwa tal-operat ta' kuljum taċ-Ċentru hija ġeneralment l-Ingliż. L-ECDC għalhekk jippreferi jirċievi l-applikazzjoni bl-Ingliż.